MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Numru 519/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**EMMANUEL SAMMUT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emmanuel Sammut, ta’ 45 sena, bin Julian u Giovanna nee’ Zammit, imwieled San Giljan nhar it-12 ta’ Novembru 1958, residenti Tudor Cottage, 47, Triq William Lassel, Mellieha u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 727758M gie akkuzat talli:

1. Fil-limiti maghrufa bhala ta’ Skrejda fil-Mellieha, nhar it-13 ta’ Gunju 2003, ghal habta tas-6.00 ta’ filghodu, bil-hsieb li jikkometti reat u cioe’ offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta’ Joseph Attard mill-Mellieha, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi spara tiri ta’ arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni ta’ l-istess Joseph Attard, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna kif ukoll id-delitt ta’ serq, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru minn post abitat b’periklu ghal min setgha kien ghaddej;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikommetta serq ta’ prodotti agrikoli u kontenituri tal-istess prodotti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Attard u Joseph Galea;
5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu jew b’xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe meter tad-dawl ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta u hwejjeg ohra ghad-dannu ta’ Joseph Attard liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin lira Maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira maltin;
7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor ingurji, jew theddid.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CJ1 u nnutat li l-imputat Emmanuel Sammut m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003 Dr Edward Gatt ghall-imputat ghal kull buon fini iddikjara illi fit-13 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tas-6.00 am l-akkuzat spara b'senter warning shots.

Rigward l-ewwel akkuza il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Attard moghtija fis-Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2005 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Imbaghad l-imputat hareg minn gol-vann tieghu u mieghu harget ukoll Rose Zammit li tigi ohti u Victoria Sammut li tigi mart l-imputat u nghid illi l-imputat kellu senter mieghu u hargu mill-pocket u lili qalli li kien sejjer jisparali. Nixtieq nghid illi l-imputat is-senter hargu mil-pocket. Jien kif rajt hekk kien hemm garaxx u tlaqt nigri ghal warajh. Nghid illi l-imputat dahal fl-ghalqa ta' Skrejda. Xi minuta wara jien rajt lill-imputat f'din l-ghalqa u dak il-hin li rajt lill-imputat bis-senter smajt sparatura. Nixtieq nghid illi l-ewwel tir li smajt jien ma rajtx lill-imputat jispara. Imbaghad xi nofs minuta smajt it-tieni tir u nghid illi dan it-tieni tir rajt lill-imputat jispara s-senter li kien f'idejh. Imbaghad jien tlaqt nigri lejn il-main road u tfacca habib tieghi jismu Joseph Galea u ghidtlu x'gara u cempilna lill-pulizija. Imbaghad gew fuq il-post il-pulizija. Nghid illi t-tieni tir li spara l-imputat kien gie fid-direzzjoni tieghi. Jien ma ntlaqatx. Ma nafx illi intlaqat xi oggett b'dan it-tir. Nghid illi jien lanqas bl-ewwel tir ma ntlaqatt. Jien ma kelli l-ebda feriti."

In kontro-ezami l-istess xhud qal:
"Nikkonferma li jien l-ewwel tir smajtu biss u ma rajtx lill-imputat jisparah. In kwantu ghall-ewwel tir fuq domanda li qed issirli mid-difiza jekk jien rigward l-ewwel tir l-imputat kontx qed narah jew le nghid illi jista' ikun illi in kwantu ghall-ewwel tir l-imputat ma kontx qed narah. Bejn l-ewwel tir u t-tieni tir l-imputat refa' s-senter u mmirah lejja u spara. Nghid illi jien wara l-ewwel tir tlaqt nigri u t-tieni sparatura sehhet meta jien kont qed nigri. Nghid illi in

kwantu ghat-tieni tir jien meta imbaghad smajt it-tieni tir dort lura meta kont qed nigri u nara lill-imputat bis-senter ghadu ippuntat lejja jigifieri jien imbaghad in kwantu ghat-tieni tir ma rajtx lill-imputat jispara imma rajtu biss bis-senter ippuntat lejja wara li gie sparat it-tieni tir. Niftakar illi fuq il-post ta' l-incident l-Ispettur Joseph Mercieca li qed naghrfu prezenti fl-Awla kien gie fuq il-post. Nghid illi jien minghalijja li l-Ispettur Joseph Mercieca dakinhar ta' l-incident urejtu fil-post fejn kont meta gie sparat it-tieni tir."

L-imputat Emmanuel Sammut fis-Seduta tal-25 ta' April, 2005, inter alia, qal:
"Rigwardanti l-incident mertu ta' din il-kawza nghid illi f'dak il-perjodu kien hemm bosta inkwiet bejni u bejn dan Joseph Attard. Nghid illi fit-13 ta' Gunju 2003 jien hrigt mid-dar ghal habta ta' xis-sitta ta' filghodu (6 am). Jien nghid illi fil-fatt jien noqghod il-Mellieha stess u jien mid-dar mort ghall-ghalqa. Mieghi giet il-mara tieghi. Kif jien u marti dhalna fir-raba' jiena komplejt b'xogholi. Jien kont qieghed naqta' l-bajtar ta' San Gwann u meta kont qieghed naqta il-bajtar jiena il-mara tieghi kienet hdejja u f'hin minnhom ghadda Joseph Attard minn hdejna. Huwa imbaghad nizel ftit 'l isfel, imbaghad dak il-hin rajtu jaghmel telefonata b'mobile. Jien wissejt lill-mara tieghi biex lill-imputat ma tkellmux u jien imbaghad komplejt fuq xogholi w imbaghad lil Joseph Attard ma rajtux izjed. Nghid illi hi kienet imbezza' hafna minhabba incidenti precedenti, u hi bdiet tghidli biex naqbdu u mmorru 'l hemm. Jien accettajt li mmorru u nghid x'hin il-mara tieghi resqet lejn il-vann taghna nghid illi jien kont ghadni qieghed nigbor l-affarijiet u jien marti smajtha tghajjat u bdejt nismaghha tghidli imxi ghax tfacca Joe Galea. Dan kien diehel minn got-triq ghad-direzzjoni taghna. Jien mort nigri lejn il-vann tieghi, jien kelli s-senter mieghi gewwa l-pocket u kelli wkoll zewgt iskratac u hadt is-senter tieghi gewwa r-raba'. Jien ikkargajt is-senter u tfajt iz-zewg skratac fis-senter. Kif jien innutajt li Joseph Galea kien riesaq lejn it-trejqa fejn kien hemm vicin tieghi, jien dak il-hin ghollejt is-senter fl-ajru u sparat tir wiehed fl-arja. Jien imxejt ftit passi 'l quddiem fl-ghalqa, bdejt insegwi biex nara jekk dan Joe Galea baqax miexi fid-direzzjoni tieghi u dak il-hin hekk jien sparajt l-ewwel tir

hareg Joe Attard minn gos-sigar u dan telaq jigri lejn id-direzzjoni ta’ Joe Galea. Jien x’hin Joe Attard hareg ezattament minn fejn kien fis-sigar jien dak il-hin ezattament sparajt tir iehor. Dan bl-istess metodu li sparajt l-ewwel tir u cioe’ ghamilt is-senter fuq lejn is-sema u sparajt fl-arja. B’hekk spiccawli t-tiri li kelli. Jien imbaghad inzilt lejn il-vann fejn kien hemm il-mara tieghi. Jien dahhalt is-senter gol-pocket, soqt ghal barra biex nitilqu ‘l hemm.”

In kontro-ezami l-imputat, inter alia, qal:
“Jien dakinhar u cioe’ qed nirreferi ghat-13 ta’ Gunju 2003 lil Attard ma kellimtux, anzi nzid nghid li jien wissejt lil mara tieghi biex ma tkellmu xejn. Attard lili dakinhar ma kellimnix. Joseph Galea lili dakinhar ma kellimnix. Nixtieq nghid illi jien kemm Joseph Attard u kif ukoll anke Joseph Galea dakinhar tat-13 ta’ Gunju 2003 kienu gejjin fid-direzzjoni tieghi u konsegwentement fid-dawl ta’ dak li gara fil-gurnata ta’ qabel fejn lili kienu heddewni li jekk naghmel rapport il-pulizija jiena meta rajthom gejjin lejja jiena fhimt li dawn kienu gejjin jew biex isawwtuni jew gejjin biex niffirmalhom il-karta rigwardanti l-hamsin elf jew inkella minhabba xi haga ohra. Fil-fatt anke l-mara tieghi kienet imbezza’ u lili qaltli biex nitilqu minn hemm. Nghid illi z-zewg tiri li sparajt jien, jien sparajthom minn gor-raba’ fejn kont qed naqta’ l-bajtar. Nghid bejn id-distanza fejn kien hemm ipparkjat il-vann tieghi u l-punt minn fejn sparajt dawn iz-zewg tiri bhala distanza kien hemm madwar darbtejn it-tul ta’ din l-Awla. Jien mort ghas-senter u ghall-iskratac mill-vann tieghi sforz il-biza’ li kelli ghaliex jiena rajt lil Galea u lil Attard li kienu resqu lejja u ghalhekk ridt b’xi mod nara kif nista’ ingerrixhom. Qed nigi mill-Ufficjal Prosekutur x’kienet ir-raguni il-ghala jiena meta hrigt is-senter u z-zewg skratac mill-vann ma sparajtx dak il-hin u imxejt tul din l-Awla darbtejn biex imbaghad sparajt minn go l-ghalqa nghid jien sparajthom mir-raba’ ghaliex ridt nara jekk Joseph Galea kien ser jibqa’ diehel gor-raba’ tieghi ghal fuqi. Nghid illi kieku Attard u Galea ma ghaddewx minn hdejja jiena kieku ma kien jinqala’ l-ebda incident dakinhar. Jien sparajt it-tieni tir ghaliex Joe Attard hareg minn qalb nofs is-sigar u dak il-hin allura imbaghad sparajt it-tieni tir u t-tieni tir sparajtu

fl-arja stess kif sparajt l-ewwel wiehed. Nghid jien l-intenzjoni tieghi u fil-fatt hekk ghamilt kien li sparajt fl-arja."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Victoria Sammut, mart l-imputat, li fis-Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005, inter alia, qalet:
"Inzid nghid illi fit-13 ta' Gunju tas-sena 2003 ghal habta tas-sitta ta' filghodu (6 am) jien u zewgi konna morna fl-ghalqa maghrufa bhala ta' Sprejga limiti tal-Mellieha fejn hemmhekk ahna morna naqtghu il-bajtar ta' San Gwann. Konna qeghdin gewwa l-ghalqa naqtghu l-bajtar u fi ftit minuti gie hdejja Joseph Attard li jigi hija. Jien u zewgi komplejna naqtghu il-bajtar u dan hija f'daqqa minnhom dahal wara s-sigar u daqqa bdejna narawh u daqqa le. Nixtieq nghid illi zewgi l-imputat kellu incident ma' hija l-guranta ta' qabel u anke ma Joseph Galea u jien kif bdejt nara lil hija f'dik is-sitwazzjoni fis-sens li daqqa narah u daqqa ma narahx bdejt nahseb li sejjer jigri xi haga u ghalhekk jien bdejt inhares biex nara x'kien ghaddej. Zewgi qalli biex jien ma nkellmux u dan b'referenza ghal hija u ahna bqajna naqtghu l-bajtar. Ahna imbaghad dorna biex inkomplu naqtghu l-kumplament tal-bajtar u nnutajt li kien hemm Joe Galea qalb is-sigar. Jien bdejt nghajjat lir-ragel 'se jdawwruna, se jdawwruna'. Ukoll nghid illi Galea beda jagixxi b'mod li filli tarah u filli ma tarahx. F'hin minnhom zewgi qalli biex noqghod hemmhekk u f'hin minnhom innutajt li kemm hija u kemm ukoll Joseph Galea kienu qeghdin flimkien. Jien bdejt nghajjat ghall-ghajjut forsi jigi xi hadd. Mort fejn il-vann taghna li kien qieghed fejn it-trejqa u kien ezatt taht l-ghalqa u nghid illi peress li kien hemm is-sigar ma stajtx nara r-ragel tieghi. Innutajt li hija u Galea bdew joqghodu iktar in-naha ta' l-ghalqa u taht il-hajt u jien qghadt nippanikkja u qghadt hdejn il-vann. Jien imbaghad smajt tir, nghid illi fl-ghalqa zewgi ma kellux senter mieghu. Nghid illi zewgi lanqas kien gab senter mieghu fil-vann. Naf illi zewgi ghandu zewg senters. Nghid illi jien ma nafx li dakinhar it-13 ta' Gunju 2003 zewgi kien ha mieghu xi wiehed minn dawn is-snieter u hadu mieghu fl-ghalqa. Nixtieq nghid li jien meta smajt it-tir ma rajtx min kien sparah, jien tir wiehed smajt. Ftit wara rajt lil zewgi gej

b'senter f'idejh. Jien nghid illi s-snieter ma naghrafhomx imma nassumi li dan is-senter li kellu zewgi dak il-hin kien wiehed mis-snieter tieghu. Nghid illi fil-fatt meta zewgi gie fil-vann dan is-senter kien dahhlu fil-cover taghna. Nghid illi dak il-hin innutajt li l-cover taghna tas-senter li kien qieghed gewwa l-vann."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Joseph Galea moghtija fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Jien allura biex nirritorna ghad-data tal-incident filghodu ghall-habta tas-6.00 am kont niezel bit-trakk tieghi u kont wahdi u kif qbizt ezatt il-Luna Holiday Complex nara lil Joseph Attard fit-triq. Jien staqsejt bejni u bejn ruhi, possibbli dan diga' qata l-bajtar u nghid li jien waqaft hdejh u nnutajt li dan kien abjad karti u deher agitat. Staqsejtu x'garalu u hu qalli spara ghalija. Staqsejtu min dak inhar filghodu kien spara ghalih u qalli Manuel Sammut. Staqsejtu fejn hi l-karozza tieghu u kien qalli li qeghda il-fuq fil-moghdija. Jien ghidtlu biex jitla' fit-trakk tieghu ha nwasslu sa fejn il-karozza. Nghid jien sa dak il-hin kont ghadni ma nafx li Manuel Sammut, il-mara tieghu u ohtu kienu qeghdin fuq il-post."

Issir ukoll referenza ghat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li tat Rose Zammit quddiem l-Espert Juliana Scerri Ferrante (ara fol. 57 et. seq. tar-Relazzjoni tal-imsemmija Espert Dok GSF1) fejn din ix-xhud, inter alia, qalet:
"Jien nhar t-tlettax (13) ta' Gunju 2003 mort nimxi filghodu bhas-soltu f'xi s-sitta (06.00 am).
Meta wasalt quddiem il-Luna Hotel rajt truck f'nofs ta' triq li kien qed jghalaq il-modd li twassal ghal ghalqa.
Jose Galea ma kienx qed isuq kien man-naha l-ohra tat-triq qed icempel. Kien ma hija Joseph Attard"
"…………"
"Jien mmur naqta l-bajtar. Ma nafx meta mort l-ahhar izda din il-gimgha mort darba nhar t-Tlieta jew l-Erbgha. Il-bierah mort nimxi, ma kontx sejra naqta l-bajtar." (sottolinjar tal-Qorti).

Hawn jigi rilevat li skond Joseph Attard (deposizzjoni tad-19 ta' Dicembru, 2005 dakinhar tal-incident):

“Imbaghad l-imputat hareg minn gol-vann tieghu u mieghu harget ukoll Rose Zammit li tigi ohti u Victoria Sammut li tigi mart l-imputat u nghid illi l-imputat kellu senter mieghu u hargu mill-pocket u lili qalli li kien sejjer jisparali.” (sottolinjar tal-Qorti).

Mis-suespost temergi stampa ta’ konflitt ta’ provi. Il-kompitu tal-Qorti hu li tara liema verzjoni tax-xhieda hi l-aktar kredibbli u dan principalment bejn dak li xehed l-imputat Emmanuel Sammut u il-verzjoni ta’ Joseph Attard. F’dan l-istadju jkun opportun li l-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tas-Supretendent Bartolomeo Mula moghtija fis-Seduta tat-28 ta’ Gunju, 2005 (fol. 182 sa 183 tal-Process – N.B. erronjament indikat a fol. 182 u fol. 183 bhala Supretendent Bartolo Mula):
“Nghid illi l-imputat Emmanuel Sammut sirt nafu fil-fazi li jien kont Supretendent tad-Distrett. Jien nafu bhala karattru ta’ persuna li ma taghtix inkwiet tant illi kull meta kellu xi ilment huwa kien jigi ghandi biex jien naghtih parir halli hu jkun korrett u zgur ma jizbaljax u ghandi nghid illi dawn l-inkontri kienu diversi fejn huwa kull meta kien jigi ghandi u dan f’diversi drabi minhabba li kellu lment fejn kien qed kwazi jigi persegwitat minn hu l-mara tieghu li hu Joseph Attard li jien kont dejjem intih il-parir li kull fejn imur ma jmurx wahdu halli jekk jinqala’ incident jkollu xhud u li kull incident li jkun hemm jirrapurtah dritt lill-pulizija u ghandi nghid li kien hemm diversi u dan numru mhux hazin li l-imputat kien ghamel rapporti f’dan is-sens. Nixtieq inzid nghid illi mhux l-imputat biss kien jigi jaghmilli dan il-kwantita’ ta’ rapporti imma kien hemm ukoll istanzi li ma kienux ftit li kien tigi l-kunjata ta’ l-imputat li jisimha Emanuela Attard u aktar tard kienet regghet hadet kunjom xbubitha wara li kienet isseparat minn mar-ragel u fejn lili kienet infurmatni li fejn dak ir-raba’ li kien imiss lilha li kienet awtorizzat lill-imputat, u hut mart l-imputat l-ohrajn eskluz Joseph Attard biex huma jahdmu r-raba’ u jaqtghu l-frott tar-raba’ u ghandi nghid illi appena kien sar hekk dan li spjegatli d-direttiva li tatni l-kunjata allura imbaghad beda l-inkwiet kollu. Inzid nghid illi kien hemm diversi okkazjonijiet fejn ittiehdu passi kontra Joseph Attard fuq *preventive crimes* pero’ nghid illi l-fatt li kien hemm diversi kawzi ta’ natura civili pendenti dwar kwistjonijiet ta’ qsim

ta' proprjeta' nghid allura l-posizzjoni taghna l-pulizija kienet daqsxejn rigida sakemm ikun hemm sentenza finali mill-kamp civili u nghid illi fil-fatt din is-sentenza finali kienet waslet. Jien fl-opinjoni tieghi l-imputat kull meta gie ghal parir tieghi u jien u kif jien obbligat li naghmel tajtu parir tajjeb dejjem naf li l-parir tieghi dejjem hadu u obdieh."

Il-Qorti tirrimarka ukoll li kellha okkazjoni tosserva l-komportament tax-xhud Joseph Attard u tal-imputat meta dawn iddeponew quddiemha.

Il-Qorti b'referenza ghall-ewwel akkuza tiddikjara li l-verzjoni tal-imputat hi wahda plawsibbli li twassal sal-grad ta' probabbilta' dwar kif sehhew l-affarijiet dakinhar tal-incident mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel akkuza ma tirrizultax b'mod sodisfacenti.

Rigward it-tielet akkuza il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta b'mod sodisfacenti.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghar-Relazzjoni Dok VS2 tal-Perit Tekniku l-AIC Valerio Schembri u senjatament ghall-konkluzjoni tal-istess Perit Tekniku u cioe':
"Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni u mill-konstatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni jidher illi l-postijiet fejn waqt l-access li nzamm fl-atti ta' l-Inkjesta gew ikkonstatati skartocc ta' lewn griz u takka jinsabu f'distanza ta' anqas minn mitejn metru (200.00m) minn post abitat."

Dwar il-fatt li l-imputat spara iz-zewg tiri dan jirrizulta ex admissis mill-imputat fid-deposizzjoni tieghu moghtija fil-25 ta' April, 2005. Inoltre tirreferi ghal dak verbalizzat minn Dr Edward Gatt ghall-imputat fis-Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003 u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza.

Rigward ir-raba akkuza li tirrigwarda ir-reat ta' serq ikkwalifikat, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ukoll ma gietx sufficjentement ippruvata. Difatti dwar din l-akkuza jissussisti element ta' dubbju derju fuq din l-akkuza

naxxenti minn ezami tal-kumpless tal-provi liema dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Rigward il-hames akkuza il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ukoll ma gietx sufficjentement ippruvata. Dwar din l-akkuza issir referenza ghad-deposizzjoni tas-Supretendent Bartolomeo Mula (Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"……kien hemm ukoll istanzi li ma kienux ftit li kienet tigi l-kunjata ta' l-imputat li jisimha Emanuela Attard……u fejn lili kienet infurmatni li fejn dak ir-raba' li kien imiss lilha li kienet awtorizzat lill-imputat, u hut mart l-imputat l-ohrajn eskluz Joseph Attard biex huma jahdmu r-raba' u jaqtghu l-frott tar-raba'………"

Rigward is-sitt akkuza il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ukoll ma gietx sufficjentement ippruvata. Difatti mill-provi prodotti ma jirrizultax ippruvat li kien l-imputat li ghamel il-hsara imsemmija f'din l-akkuza.

Rigward it-tieni akkuza il-Qorti tikkonkludi li din l-akkuza kif dedotta, u hawn ticcita parti minn din l-akkuza li tghid:
"……fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna kif ukoll id-delitt ta' serq……", ma tirrizultax fid-dawl tal-fatt li ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati l-ewwel akkuza u ir-raba akkuza u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghal dak li ntqal qabel f'din is-Sentenza rigward dawn l-imsemmija zewg akkuzi.

Finalment rigward l-ahhar akkuza li hi ta' natura kontravenzjonali u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax fuq konflitt ta' provi.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2005 id-Difiza iddikjarat li hija tixtieq illi meta din il-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi waqt il-konsiderazzjonijiet ghas-Sentenza, tiehu in konsiderazzjoni illi l-parte civile Joseph Attard ser ikun xehed wara illi x-xhieda kollha f'dan il-kaz taw ix-xhieda tagghom u l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi. (Ara Verbal tas-Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2005).

Semghet trattazzjoni mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca, minn Dr Reno Borg ghall-parte civile u minn Dr Edward Gatt ghall-imputat.

Rat ir-Regolamenti 9(4), 25(2)(a) tal-A.L. 146 tal-1993 u l-Proviso (a) u l-Proviso (b) tar-Regolament 29 tal-A.L. 79 tal-2006.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Emmanuel Sammut mhux hati tal-akkuzi kollha salv it-tielet akkuza u minnhom tilliberah, filwaqt li issib lill-imsemmi imputat Emmanuel Sammut hati tat-tielet akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghall-piena ta’ Mija u Hamsin Liri Maltin (Lm150) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------